MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2020

Appell Inferjuri Numru 35/2011/2 LM

**Kevin Attard (K.I. Numru 468879M)**
*(l-appellant)*

***vs.***

**MCE Limited u V. Attard (Works) Limited**
*(l-appellati)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Kevin Attard (K.I. Numru 468879M),** hawnhekk "l-appellant" minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (minn issa 'l quddiem "l-Ewwel Qorti"), fis-16 ta' Jannar,

2019 (minn issa ’l quddiem “is-sentenza appellata”) li permezz tagħha l-Ewwel Qorti ddeċidiet illi,

> *“Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti filwaqt li mhux ser tesprimi ruħha dwar l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta MCE Limited stante li din diġà ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell u kwindi llum tikkostitwixxi* res judicata *bejn il-partijiet, tiddeċiedi billi tilqa’ t-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta MCE Limited, u konsegwentement tiċħad it-talbiet kollha tar-ritrattand fir-rikors ġuramentat tiegħu.*
>
> *L-ispejjeż kollha in konnessjoni ma’ din il-proċedura jitħallsu kollha mir-ritrattand.”*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-kwistjoni odjerna tikkonċerna talba li saret mir-rikorrent Kevin Attard f’ismu personali, hawnhekk “l-appellant”, għal ritrattazzjoni minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-4 ta’ Novembru, 2010, wara avviż li ġie notifikat mis-soċjetà intimata fl-ismijiet **MCE Limited *vs.* Kevin Attard f’ismu proprju u f’isem V. Attard (Works) Limited**, u l-allegazzjoni ta’ Kevin Attard li dan l-avviż ma ġiex notifikat lilu f’ismu personali. Ir-rikorrent qiegħed jinsisti li huwa personalment baqa’ ma ġiex notifikat kif suppost, u minkejja li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kien deher l-avukat Dr Clayton Fenech li ammetta l-kreditu pretiż minn MCE Limited u wiegħed li l-ammont dovut lil din is-soċjetà ser jitħallas mill-intimati f’dawk il-proċeduri, jiġifieri Kevin Attard personalment u minn V. Attard (Works) Limited, l-istess avukat ma kienx ingħata inkarigu biex jagħmel dan minn Kevin Attard personalment. Ir-rikorrent qiegħed jinsisti li huwa personalment qatt ma kellu relazzjoni

kummerċjali mas-soċjetà MCE Limited u li huwa qatt ma rċieva l-atti jew ġie infurmat li kien qiegħed jitħarrek fil-vesti tiegħu personali, u għalhekk qatt ma seta' jieħu azzjoni sabiex jilqa' għat-talbiet dedotti kontra tiegħu.

**Mertu**

3. Ir-rikorrent istitwixxa proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn għamel riferiment għal rikors ippreżentat mis-soċjetà MCE Limited fil-21 ta' Mejju, 2010, li permezz tiegħu MCE Limited talbet lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jogħġobha tikkundanna lil Kevin Attard f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza ta' V. Attard (Works) Limited, għall-ħlas tal-ammont ta' sitt elef, disa' mija u wieħed u ħamsin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€6,951.97), rappreżentanti bilanċ minn somma akbar ta' sebat elef, disa' mija u wieħed u ħamsin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€7,951.97), għax-xiri ta' *armoured cable* mibjugħ u kkonsenjat lilu fuq inkarigu tiegħu stess, bl-ispejjeż. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), permezz ta' deċiżjoni mogħtija fl-4 ta' Novembru 2010, laqgħet it-talba ta' MCE Limited u kkundannat lil Kevin Attard għall-ħlas ta' €6,951.97, bl-imgħax legali. Ir-rikorrent sostna li kien hemm lok għat-tħassir ta' din is-sentenza u għas-smigħ tal-kawża mill-ġdid peress li l-att promutur li permezz tiegħu nbdew dawk il-proċeduri ma ġiex notifikat lilu skont il-liġi, u hu qatt ma deher fil-kawża sabiex jiddefendi l-pożizzjoni tiegħu. Ir-rikorrent spjega li l-att inkwistjoni ntbagħat fl-indirizz bin-numru 398, Triq San Tumas, Ħal Tarxien, l-uffiċċju reġistrat ta' V. Attard (Works) Limited, u

ngħata f'idejn ċerta Michelle Portelli. Ir-rikorrent spjega li din Portelli kienet impjegata mal-kumpannija Southplan (Real Estates) Limited, li wkoll għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha fl-istess fond. Ir-rikorrent sostna li n-notifika lilu mhijiex legali, peress li l-persuna li laqgħet in-notifika tal-att mhijiex il-persuna li l-liġi tippermetti li tilqa' n-notifika ta' atti ġudizzjarji. F'dan ir-rigward ir-rikorrent sostna li hemm lok għat-tħassir tas-sentenza *ai termini* tal-artikoli 811(b), 812 u 815 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent spjega li huwa ġie mgħarraf bis-sentenza appellata li permezz tagħha huwa ġie kkundannat iħallas l-ammont dovut lil MCE Limited, wara li ġie interpellat b'ittra legali tal-5 ta' Jannar, 2011 għall-ħlas ta' dak li ġie kanonizzat favur is-soċjetà MCE Limited. Ir-rikorrent spjega li kien għalhekk li hu qiegħed jitlob it-tħassir, ir-revoka u l-kanċellament tas-sentenza tal-4 ta' Novembru, 2010 fl-ismijiet **MCE Limited *vs.* Kevin Attard f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà kummerċjali V. Attard (Works) Limited**, u li jiġi ordnat mill-ġdid is-smigħ tal-kawża mressqa bir-rikors numru 187/2010.

4. Is-soċjetà intimata **MCE Limited**, hawnhekk "is-soċjetà appellata", wieġbet li dawn il-proċeduri huma nulli stante li l-okkju tal-kawża odjerna mhux l-istess bħall-okkju tas-sentenza li qiegħda tiġi attakkata, partikolarment minħabba li permezz ta' dawn il-proċeduri, kemm is-soċjetà MCE Limited kif ukoll is-soċjetà V. Attard (Works) Limited tpoġġew it-tnejn li huma fil-pożizzjoni ta' konvenuti, mentri l-proċeduri oriġinarjament kienu nbdew mis-soċjetà MCE Limited kontra r-rikorrent u kontra s-soċjetà V. Attard (Works)

Limited. Is-soċjetà intimata eċċepiet li f'każ li l-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrent u tgħaddi sabiex tisma' l-kawża mill-ġdid, l-okkju tas-sentenza finali ma jkunx jirrifletti l-okkju oriġinali u korrett. Is-soċjetà intimata eċċepiet ukoll li d-dikjarazzjoni tar-rikorrent li n-notifika lilu ma saritx skont il-liġi, mhijiex veritiera u din saret biss biex tqarraq bil-Qorti, peress li mill-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-5 ta' Lulju, 2010 jirriżulta li deher Dr Clayton Fenech in rappreżentanza tal-konvenut (Kevin Attard), li informa lill-Qorti li l-flus pretiżi huma dovuti u li l-klijent tiegħu kien ser iwettaq il-pagament dovut fil-ġranet ta' wara. Is-soċjetà intimata qalet li r-rikorrent qiegħed jimxi *b'mala fede* meta jgħid li huwa ma kienx debitament notifikat, stante li jirriżulta li huwa bagħat lir-rappreżentant legali tiegħu sabiex jiddefendih fil-proċeduri legali li saru kontrih. Ir-rappreżentant tas-soċjetà intimata Igor Pugliesevich qal ukoll li huwa kien ġie kkuntattjat mir-rikorrent personalment fit-22 ta' Ottubru, 2010, u dan kien talbu jibgħatlu rendikont li jkun ikopri s-sorti, l-imgħax, l-ispejjeż legali u l-ispejjeż tal-Qorti sabiex ikun jista' jħallashom, u żied jgħid li din hija l-aqwa prova li r-rikorrent kien notifikat bil-proċeduri li nfetħu kontra tiegħu u kontra s-soċjetà V. Attard (Works) Limited. Is-soċjetà intimata eċċepit li huwa għalhekk li r-rikors għar-ritrattazzjoni huwa qarrieqi u inveritier, peress li n-notifika lil Kevin Attard personalment saret u kienet effettiva. Intqal ukoll li Kevin Attard baqa' ma appellax mid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-4 ta' Novembru, 2010, u minflok qiegħed jagħmel użu mill-proċedura ta' ritrattazzjoni sabiex il-kawża terġa' tiġi kkunsidrata mill-ġdid. Ġie eċċepit ukoll li l-kawża kif deċiża mill-Qorti tal-

Maġistrati (Malta) tikkostitwixxi ġudikat fil-konfront ta' V. Attard (Works) Limited.

Quddiem l-Ewwel Qorti, Kevin Attard xehed li sa Novembru tal-2010 huwa kien direttur tas-soċjetà konvenuta V. Attard (Works) Limited, u li huwa kien irriżenja minn direttur ta' din il-kumpannija. Qal li huwa qatt ma ġie notifikat bl-avviż tas-smigħ tal-kawża fl-ismijiet "**MCE Limited *vs*. Kevin Attard f'ismu proprju u kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà kummerċjali V. Attard (Works) Limited**", peress li dan l-avviż qatt ma ntbagħat lilu personalment. Ir-rikorrent spjega li huwa sar jaf li kienet inqatgħet sentenza fil-konfront tiegħu meta rċieva ittra legali mingħand l-avukat difensur tas-soċjetà MCE Limited fil-5 ta' Jannar, 2011, u din ġiet aċċettata mis-segretarja fl-uffiċċju tal-kumpannija tiegħu, li għadditielu. Ir-rikorrent qal li huwa qatt ma sar jaf li huwa kien ġie mħarrek personalment, u li kieku kien jaf b'dan huwa kien jaħtar avukat tal-fiduċja tiegħu sabiex jirrappreżenta l-interessi tiegħu f'dawk il-proċeduri. Qal ukoll li huwa ma kellu x'jaqsam xejn man-negozju li sar bejn MCE Limited u V. Attard (Works) Limited. Ir-rikorrent spjega wkoll li Michelle Portelli, il-persuna li aċċettat in-notifika tal-proċeduri li tagħhom qiegħda tintalab ir-ritrattazzjoni, għamlet żmien impjegata ma' waħda mill-kumpanniji ta' missieru, iżda din qatt ma kienet impjegata miegħu.

**Vincent Attard**, missier ir-rikorrent, xehed li Michelle Portelli kienet taħdem bħala skrivana mas-soċjetà South Plan Real Estate Limited, li tagħha huwa kien direttur. Dan ix-xhud ikkonferma li kien hu li ta inkarigu lil Dr Clayton Fenech

sabiex jieħu ħsieb il-kawża li V. Attard (Works) Limited kellha kontra s-soċjetà MCE Limited.

**Ivor Pugliesevich**, direttur tas-soċjetà MCE Limited, xehed li kien Kevin Attard li mar jixtri *cable* mill-kumpannija rappreżentata minnu, u dakinhar li saret il-kunsinna tal-*cable,* Attard kien offra li jħallas permezz ta' żewġ ċekkijiet, wieħed li kien jissarraf dakinhar tal-kunsinna u ċekk ieħor li kien *post-dated.* Dan ix-xhud qal li l-ewwel ċekk issarraf mingħajr problemi, iżda fuq it-tieni ċekk kien hemm *stop payment.* Qal ukoll li dak iż-żmien Kevin Attard kien qallu li ma kellux flus biex iħallas. Ix-xhud qal li kien għalhekk li huwa ħa passi legali kontra Attard.

L-Ewwel Qorti ħadet konjizzjoni wkoll tad-deċiżjonijiet li ppreċedew dan l-appell, jiġifieri dik tal-4 ta' Novembru, 2010 fl-ismijiet **MCE Ltd *vs.* Kevin Attard proprio et nomine**, id-deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-28 ta' April, 2011, fejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat ritrattat u l-proċeduri ġew iddikjarati nulli; u d-deċiżjoni tas-26 ta' April 2012 li permezz tagħha l-Qorti tal-Appell ħassret u annullat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-28 ta' April 2011 u b'hekk ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni sollevata minn MCE Limited u rrinvijat l-atti tal-kawża lura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għall-kontinwazzjoni. L-Ewwel Qorti ħadet konjizzjoni wkoll tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-4 ta' April, 2013, fejn filwaqt li l-Qorti astjeniet milli tesprimi ruħha dwar l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà intimata, stante li din kien diġà ngħata ġudizzju fuqha, ċaħdet it-talba tar-

rikorrenti sabiex ir-rikors 187/2010 jerġa' jinstema' mill-ġdid. Din id-deċiżjoni ġiet iddikjarata nulla mill-Qorti tal-Appell permezz ta' deċiżjoni mogħtija fis-16 ta' Diċembru, 2014, u b'hekk l-atti ġew rimessi lura quddiem il-Qorti tal-Maġsitrati (Malta) sabiex it-talba tar-rikorrent ritrattand tiġi ttrattata u deċiża.

## Is-Sentenza Appellata

5. Permezz tas-sentenza mogħtija fis-16 ta' Jannar, 2019, l-Ewwel Qorti kkonkludiet billi ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrent, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Il-fatti saljenti li taw lok għal din il-proċedura ta' ritrattazzjoni huma in sostanza riprodotti fir-rikors ġuramentat u fir-risposta ġuramentata tas-soċjetà MCE Limited, u a skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti tagħmel riferenza għalihom.*
>
> *Din hija kawża ta' ritrattazzjoni fuq allegazzjoni li l-attur ma ġiex notifikat skont il-liġi, bl-att promutur tal-kawża numru 187/2010, li ġiet deċiża kontrieh.*
>
> *Rigward il-proċedura ta' ritrattazzjoni, fis-sentenza* ***Mark Bugeja et vs Geoffrey Camilleri****, deċiża fit-13 ta' Frar 2014, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri)*[1] *irriteniet hekk: "Kif intqal fid-deċiżjoni riportata a Vol. XXIII p. III p. 235*, "il giudizio di ritrattazione ha un doppio oggetto: quello di fare annullare una sentenza passata tra le parti in giudicato, e l'altro di riaprire la trattazione della causa e provocare una altra sentenza, e si compone di due stadi distinti da non confondersi l'uno coll'altro, detti dei pratici il rescindente ed il rescissorio". *Fi kliem ieħor,* "oġġett tal-ewwel stadju hu li tiġi annullata s-sentenza bejn il-partijiet li tkun saret ġudikat; skop tat-tieni stadju hu li terġa' ssir it-trattazzjoni tal-kawża u tiġi mogħtija sentenza ġdida." *(Vol. XLVI p. I p. 90)."*
>
> *L-istitut tar-ritrattazzjoni huwa rimedju eċċezzjonali. Fis-sentenza* ***Anna Cassar et vs Lawrence Attard****, deċiża fil-25 ta' Settembru 2003, il-Prim Awla tal-Qorti*

[1] Per Imħallef Mark Chetcuti.

*Ċivili*[2] *irriteniet hekk:* "M'għandux jintesa li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wieħed straordinarju li jolqot sentenza li tkun saret ġudikat. Huwa essenzjali f'kull sistema ta' dritt, li sentenza għandha tkun l-aħħar kelma dwar l-istat ta' dritt bejn partijiet fi kwestjoni, u s-saħħa tagħha titqies bħala s-sewwa magħruf (pro veritate habetur). Kif ingħad, l-effikaċja ġuridika u soċjali tal-ġudikat titlob li l-amministrazzjoni tal-ġustizzja ma tiġix imfixkla billi, fi kwalunkwe stadju u mingħajr limiti, il-parti telliefa terġa' tqajjem il-kwestjoni u tiftaħha. Huwa għalhekk li l-leġislatur ried li jagħti espressament, b'mod tassativ u f'dawn it-termini biss ir-rimedju tar-ritrattazzjoni li bih biss sentenza tista' tiġi attakkata u mwaqqa' wara li tkun saret ġudikat. B'dan il-mod, jekk għal każ partikolari ma japplikax ir-rimedju eċċezzjonali tal-istitut tar-ritrattazzjoni, m'hemm l-ebda mod kif titwaqqa' sentenza li għaddiet in ġudikat."

*Is-sentenza suċitata*[3]*, il-Qorti kompliet hekk:* "Minbarra dan, ilu żmien twil stabbilit il-prinċipju li s-saħħa tar-rabta ta' sentenza li għaddiet f'ġudikat ma titwaqqax lanqas bir-rimedju tar-ritrattazzjoni fejn ma jintweriex li l-parti kienet imċaħħda milli tiddefendi lilha nnifisha, jew ma ħaditx dawk il-passi biex tiżgura difiża xierqa." *U kompliet hekk:* "Illi, b'żieda ma' dan kollu li ssemma dwar in-natura eċċezzjonali tal-proċedura tar-ritrattazzjoni, irid jingħad ukoll li l-prova tar-raġuni li għaliha parti titlob li kawża tiġi mismugħa mill-ġdid trid issir minn dik l-istess parti u trid issir b'mod li jwassal lill-Qorti li tqis li t-talba hija mistħoqqa. Il-parti ritrattata m'għandha għalfejn tipprova xejn, speċjalment meta r-raġuni li ssejjes it-talba għas-smigħ mill-ġdid ma titnissilx minn għemil tal-parti ritrattata."

*Permezz ta' dan ir-rikors ġuramentat, din il-Qorti qed tiġi mitluba tiddeċiedi jekk hemmx raġunijiet validi fil-liġi sabiex tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet "**MCE Limited vs Kevin Attard f'ismu proprju u kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà kummerċjali V. Attard (Works) Limited**" (Rikors Numru 187/2010 (CSH) deċiża fl-4 ta' Novembru 2010.*

*Dak li qiegħed jilmenta minnu r-ritrattand Kevin Attard huwa spjegat fir-rikors ġuramentat tiegħu, fejn prinċipalment huwa qiegħed jibbaża t-talba tiegħu għar-ritrattazzjoni fuq l-Artikolu 811(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u ċioe li l-avviż tal-kawża surriferita qatt ma ġie notifikat lilu skont il-liġi. Dwar dan l-artikolu, fis-sentenza **Joseph Caruana Curran vs Victoria Vella** deċiża fit-12 ta' Mejju*

---

[2] Per Imħallef J. R. Micallef.

[3] Anna Cassar et vs Lawrence Attard.

*2003, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)*[4] *irriteniet hekk:* "Dan id-dispożittiv jippostula żewġ elementi, u ċioe (1) li l-parti sokkombenti ma tkunx ġiet notifikata bl-att u (ii) li għalkemm mhux notifikata ma tkunx ukoll dehret għas-smigħ tal-kawża."

*Ir-ritrattand Kevin Attard xehed permezz ta' affidavit fejn qal li huwa kien direttur tas-soċjetà V. Attard (Works) Limited sa Novembru tas-sena 2010. Ir-ritrattand qal ukoll li hu qatt ma ġie notifikat bl-avviż tal-kawża u li sar jaf bis-sentenza fil-konfront tiegħu personalment meta rċieva ittra legali datata 5 ta' Jannar 2011 għall-ħlas li ġie kanonizzat favur is-soċjetà ritrattanda.*[5]

*Il-Qorti rat il-proċess tal-kawża in kwistjoni (Rikors Numru 187/2010 CSH) li ġie anness ma' dawn il-proċeduri. F'din il-kawża Kevin Attard ġie mħarrek kemm f'ismu proprju, kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà V. Attard (Works) Limited. Jirriżulta wkoll li s-soċjetà attriċi f'din il-kawża, is-soċjetà MCE Limited ma ħallsitx għal żewġ notifiki, iżda ħallset għal notifika waħda biss għal kopja waħda biss tal-att promutur ta' dawk il-proċeduri, nonostante li hija kienet ħarrket lil Kevin Attard kemm fil-vesti tiegħu personali u kemm għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà V. Attard (Works) Limited.*

*Minn dan il-proċess jirriżulta li l-avviż ta' dik il-kawża ġie notifikat lil "Kevin Attard (et)" nhar l-1 ta' Ġunju 2010, billi tħalliet kopja f'idejn ċerta Michelle Portelli fl-indirizz 398, Triq San Tumas, Tarxien.*[6]

*Il-Qorti rat ukoll il-verbal tal-udjenza miżmuma nhar il-5 ta' Lulju, 2010 f'dik il-kawża minn fejn jingħad hekk:* "Deher Dr Clayton Fenech għall-konvenut li nforma lill-Qorti li l-flus fil-fatt huma dovuti u li l-klijent tiegħu se jagħmel pagament dovut fil-ġimgħat li ġejjin."[7]

*L-unika raġuni li jagħti r-ritrattand fir-rikors ġuramentat promutur tiegħu sabiex jattakka l-validità tan-notifika tal-att promutur, hija li din ma saritx skont l-Artikolu 187 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili,* "billi l-persuna li laqgħet din in-notifika ma hijiex persuna li l-liġi tippermetti li tilqa' n-notifika ta' atti ġudizzjarji li kellhom jiġu notifikati lill-esponenti Kevin Attard fil-vesti tiegħu personali." *Ir-ritrattand qed jibbaża l-argument tiegħu li l-avviż tal-kawża qatt ma ġie notifikat lilu*

[4] Per Imħallef Philip Sciberras.
[5] Ara l-affidavit tar-ritrattant Kevin Attard *a fol.* 72 tal-proċess.
[6] Ara Riferta *a tergo* ta' *fol.* 4 tal-proċess allegat Rikors numru 187/2010 CSH.
[7] *Fol.* 5 tal-proċess allegat Rikors Numru 187/2010 CSH.

*għaliex skont hu l-avviż intbagħat fl-indirizz li* "huwa s-sede reġistrat tas-soċjetà V. Attard (Works) Limited" *u li* "Michelle Portelli, fiż-żmien tal-konsenja tal-att promutur, kienet impjegata mal-kumpannija Southplan (Real Estates) Limited, li għandha s-sede tagħha fl-istess fond"*, u għalhekk ma ġiex notifikat bil-proċedura kif kontemplata fl-Artikolu 187 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dan l-Artikolu jippreskrivi illi,* "In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha."

*Din il-Qorti għalhekk trid tara jekk in-notifika tal-avviż saritx skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, u dan sabiex jiġi determinat jekk tali notifika saritx validament u skont il-liġi. Ma hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-kopja tal-avviż ma ġietx notifikata direttament lir-ritrattand. Il-kopja tħalliet f'idejn ċerta Michelle Portelli, impjegata ma' waħda mill-kumpanniji ta' missier ir-ritrattand, Victor Attard, iżda mhux ukoll impjegata mar-ritrattand personalment jew tas-soċjetà V. Attard (Works) Limited. Huwa fuq dan il-fatt li r-ritrattand qed jibbaża l-lanjanza tiegħu.*

*Mill-atti jirriżulta wkoll li n-notifika saret fl-1 ta' Ġunju, 2010 fl-indirizz tas-soċjetà V. Attard (Works) Limited. Huwa wkoll ammess mir-ritrattand stess li sal-20 ta' Novembru 2010 huwa kien direttur ta' din il-kumpannija. Fl-opinjoni tal-Qorti n-notifika tar-ritrattand f'ismu proprju saret fil-post tax-xogħol tar-ritrattand, u ċioe fl-indirizz tas-soċjetà li tagħha huwa kien direttur. Mill-provi jirriżulta li Michelle Portelli kienet taħdem f'dan l-istess indirizz, għalkemm ma kinitx impjegata tas-soċjetà li tagħha r-ritrattand kien direttur, iżda ta' soċjetà oħra ta' missieru Victor Attard, li kellha l-uffiċini tagħha fl-istess indirizz tal-post tax-xogħol tar-ritrattand.*

*Ir-ritrattand jargumenta li n-notifika tiegħu personali mhix valida, għaliex minkejja li Michelle Portellli kienet taħdem fl-istess post tax-xogħol tiegħu, hija ma kinitx awtorizzata minnu li tirċievi l-posta tiegħu personali. Però kien jinkombi fuq l-istess ritrattand li jressaq din il-prova. Fl-affidavit tiegħu, ir-ritrattand jgħid biss li Michelle Portelli qatt ma kienet impegata tiegħu però imkien ma jgħid li hija ma kinitx awtorizzata tirċievi l-posta personali tiegħu. L-istess missier ir-ritrattand, Victor*

*Attard xehed li Michelle Portelli kienet impjegata ma' soċjetà oħra tiegħu, però imkien ma jgħid li hija ma kinitx awtorizzata tirċievi l-posta personali tat-tifel tiegħu, ir-ritrattand, li kien jaħdem fl-istess uffiċċju tagħhom. Ir-ritrattand ma deherlux li kellu għalfejn itella' lil Michelle Portelli bħala xhud.*

*Fid-dawl tas-suespost, ir-ritrattand ċertament ma rnexxielux jipprova li Michelle Portelli ma kinitx persuna awtorizzata minnu biex tirċievi l-posta personali tiegħu.*

*Il-fatt jekk ir-ritrattand irċeviex kopja materjali tal-avviż hija kwistjoni bejnu u bejn min irċieva l-att għan-nom tiegħu, u bl-ebda mod ma jista' jkollha effett fuq il-validità tan-notifika kif maħsuba fl-Artikolu 187 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.*

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ir-ritrattand jissottometti wkoll li hu qatt ma ġie notifikat validament bil-proċeduri għaliex is-soċjetà MCE Limited kellha toħroġ żewġ notifiki separati, waħda għalih personalment u l-oħra għas-soċjetà V. Attard (Works) Limited, u dan ai termini tal-Artikolu 185 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Din is-sottomissjoni biex tiġi attakkata l-validità tan-notifika ma saritx fir-rikors ġuramentat promutur, iżda saret fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tar-ritrattand, għaliex fir-rikors promutur, l-unika raġuni li ta r-ritrattand biex jattakka n-notifika hija li ma saritx skont l-Artikolu 187. Fl-ebda stadju ta' dawn il-proċeduri, ma ġie mitlub mir-ritrattand li jżid l-allegat ksur tal-Artikolu 185 bħala kawżali fir-rikors promutur, u bħala regola mhux legalment konsentit li kawżalijiet ġodda jiġu sollevati b'dan il-mod.*

*Però l-Artikolu 213 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid ċar li jekk quddiem Qorti ta' ġurisdizzjoni inferjuri ma tiġix ippruvata t-talba kif imfissra fl-att, iżda minflok jiġi ppruvat jedd ieħor, għad li dan il-jedd l-ieħor ma jkunx jidħol sewwa fit-talba oriġinali, il-Qorti tista' tiddeċiedi fuq dan il-jedd l-ieħor kif ikun ġie hekk ippruvat. Dan anke b'abbinament mal-Artikolu 171 tal-istess Kodiċi.*[8]

*Huwa veru li dawn huma proċeduri straordinarji ta' ritrattazzjoni u mhux kawża ordinarja quddiem din il-Qorti, però tenut kont tar-*ratio legis *fl-Artikoli 213 u 171 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, din il-Qorti tħoss li l-istess dispożizzjonijiet f'dawn l-artikoli għandhom japplikaw għal dawn il-proċeduri ta' ritrattazzjoni.*

---

[8] Ara s-sentenza **Malta Tourism Authority vs Victor Refalo** deċiża fit-13 ta' Settembru 2007 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) *per* Imħallef Philip Sciberras.

*L-Artikolu 185 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jippreskrivi illi* "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 186(1) meta skrittura għandha tkun notifikata lil tnejn min-nies jew iżjed, ukoll jekk dawn ikunu jgħixu flimkien fl-istess indirizz, kull wieħed minnhom għandu jiġi notifikat b'kopja ta' dik l-iskrittura." *Il-fatt li r-ritrattand ġie mħarrek kemm fil-vesti personali tiegħu u kemm għan-nom ta' soċjetà kummerċjali jfisser illi effettivament kien hemm żewġ konvenuti, bil-konsegwenza li entrambi l-konvenuti kellhom il-jedd li jiġu notifikati a tenur tal-Artikolu 185 suċitat. Fis-sentenza* ***l-Avukat Peter Fenech noe vs il-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Miżjud****, deċiża fil-25 ta' Ġunju 2009, il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili*[9] *irriteniet hekk:* "Illi ma' dan il-Qorti żżid li la darba l-istess ittra uffiċjali inħarġet kemm kontra r-rikorrenti fil-kwalità tiegħu personali u kemm bħala direttur u in rappreżentanza tas-soċjetà Samic Co. Ltd., tali notifika kellha ssir lit-tnejn li huma skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 187(3) u (5) tal-Kap. 12, u dan billi żewġ kopji tal-istess ittra uffiċjali kellhom jitwaħħlu fil-postijiet rispettivament indikati fiż-żewġ subartikoli, u jidher li dan ma sarx ... u allura tali notifika ma saritx skont il-liġi u senjatament skont l-artikolu 185 tal-Kap. 12. ...".

*Mhux kontestat li s-soċjetà MCE Limited ħallset għal notifika waħda biss għal kopja waħda biss tal-att promutur tal-kawża li wasslet għas-sentenza impunjata. Għalhekk a bażi ta' dak li jippreskrivi l-Artikolu 185 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, ma jistax jingħad li r-ritrattand ġie validament notifikat personalment b'kopja separata tal-att promutur tal-kawża.*

*Però hemm kunsiderazzjoni oħra xi trid issir u ċioe, l-effett tal-verbal li sar fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2010.*

*Vincent Attard, missier l-attur Kevin Attard u dak iż-żmien kien direttur ukoll tas-soċjetà V. Attard (Works) Limited xehed li wara li Michelle Portelli għaddietlu l-atti tal-kawża, hu kien inkariga lil Dottor Clayton Fenech biex jeħodlu ħsieb il-kawża li MCE Limited kienet istitwiet kontra V. Attard (Works) Limited.*

*Fl-affidavit tiegħu, Kevin Attard jgħid li hu ma kienx jaf li fil-kawża hu ġie mħarrek personalment, għaliex li kieku kien jaf, kien iqabbad avukat biex jiddefendih fil-kawża. Minn dan il-kliem hu qed jipprova jagħti x'jifhem li ma kienx hu li inkariga lil Dottor Clayton Fenech sabiex jidher għalih fil-kawża – għalkemm dan naqas li jgħidu*

[9] *Per* Imħallef Raymond Pace.

*espressament fl-affidavit tiegħu. Però meta Dottor Fenech deher quddiem il-Qorti, hu ddikjara żewġ affarijiet importanti:*

1. *Li kien qed jidher għall-konvenut; u*
2. *Li l-klijent tiegħu kien ser jagħmel il-pagament dovut fil-ġimgħat li ġejjin.*

*Issa f'din il-kawża kien hemm żewġ konvenuti, li għalihom kien qed jidher ir-ritrattand b'żewġt ikpiepel, u ċioe Kevin Attard personalment kif ukoll Kevin Attard in rappreżentanza tas-soċjetà V. Attard (Works) Limited. Allura l-verbal ta' Dottor Fenech jorbot lill-konvenut – ritrattand fil-kawża odjerna – u mhux lis-soċjetà konvenuta. Jekk inhu veru li Kevin Attard qatt ma kellem lil Dottor Fenech dwar din il-kawża, huwa seta' faċilment ħarrku bħala xhud, sabiex jikkonferma l-fatt li hu (Kevin Attard) qatt ma kien inkarigah biex jidher għalih f'dik il-kawża. L-oneru tal-prova li Dottor Fenech ma kienx ġie inkarigat mir-ritrattand jinkombi lill-istess ritrattand, li bl-ebda mod ma ssodisfah.*

*Fis-sentenza* ***Carmelo Farrugia vs Grezzju Farrugia*** *deċiża fis-16 ta' Marzu 2005, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)*[10] *irriteniet hekk:*

"L-aspetti legali tal-kwestjoni involuta f'dan l-appell huma s-segwenti:-

(1) Huwa paċifiku illi l-avukat huwa, fis-sens tal-Artikolu 1862, Kodiċi Ċivili, mandatarju tal-klijent tiegħu b'mod speċjali għall-finijiet tal-kawża. Ara **Vol. X Paġna 301 u Vol. XIX P.I, p. 129.** Għaldaqstant il-varji dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili in kwantu jikkonċernaw ir-rappreżentanza jew assistenza ta' avukat ad exemplum Artikolu 688 (3) iservu u huma intiżi biex dak il-mandat jiġi eżerċitat fil-limiti tal-poteri konferiti lill-mandatarju u biex ma jiġix eċċedut mingħajr l-inkarigu speċjali tal-klijent;

(2) Jitnissel minn dan illi l-verbal fuq riprodott sar mill-avukat li talbu fil-limiti ta' dan il-mandat u bil-beneplaċitu tal-attur;

(3) Huwa magħruf ukoll illi verbal miżmum mir-Reġistratur bl-ordni tal-Qorti jorbot lill-kontendenti bis-saħħa tal-kważi-kuntratt ġudizzjali (**Kollez. Vol. XXIX P. I p. 768; Vol. XXXVII P.I p. 99**);

(4) Li jfisser li *"il quasi contratto giudiziale non ha altro scopo se non quello di fissare il tema ed i limiti della controversia"* ***(Kollez. Vol. XXVI P.I p. 225).*** *Dan fuq il-bażi tal-massima "in judiciis quasi contrahitur."*

[10] *Per* Imħallef Philip Sciberras.

(5) Una volta li jiġi aċċettat dan kollu, u speċjalment li l-avukat tal-attur kien qed jaġixxi entro l-limiti tal-mandat tiegħu, dan seta' jirrinunzja f'isem il-klijent tiegħu għall-azzjoni jew għal dawk it-talbiet li huwa deherlu li ma kienx aktar neċessarju li jissokta jikkontroverti dwarhom;
(6) Indubitament li l-verbal fuq imtenni juri l-volta preċiża tar-rinunzjant."

*L-istess insenjament għandu jiġi applikat għall-fattispeċje tal-każ odjern. Din il-Qorti m'għandhiex l-iċken dubju li meta Dr Clayton Fenech deher quddiem il-Qorti waqt l-udjenza tal-5 ta' Lulju 2010 huwa kien qiegħed jidher għall-inqas għan-nom tar-ritrattand personalment – għax konvenut, f'dik il-kawża kien hemm wieħed, il-kontro-parti l-oħra kienet soċjetà konvenuta. Li kieku Dottor Fenech kien qed jidher għas-soċjetà konvenuta biss, kif qed jissottometti r-ritrattand, Dottor Fenech kien jivverbalizza li qed jidher "għas-soċjetà konvenuta" u mhux "għall-konvenut". Kif ġie ritenut fis-sentenza* ***Carmen Micallef vs Prim Ministru et*** *il-verbal tal-Qorti* "jikkostitwixxi fih innifsu prova inkonfutabbli ta' dak li ġie reġistrat li sar fl-istess kawża, dwar l-andament tagħha ...".[11] *Huwa risaput illi l-oneru tal-prova huwa fuq min jallega, u għalhekk kien jinkombi fuq ir-ritrattand li jipprova li dak dikjarat minn Dottor Fenech fil-verbal tal-5 ta' Lulju 2010 ma kellux mis-sewwa jew għall-inqas ma kienx jirrifletti l-verità. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, bil-provi li ressaq ir-ritrattand ma rnexxilux jissodisfa dan il-grad ta' prova.*

*Konxju minn dan il-fatt, ir-ritrattand jissottometti* in extremis *fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu li minn imkien fl-istess verbal ma jirriżulta li Dottor Fenech ta ruħu b'notifikat għalih. Kif sewwa rriteniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza* ***Vella Antoinette vs Kummissarju tal-Artijiet****, deċiża fit-13 ta' Lulju 2001* "... ... ma kien hemm l-ebda dubbju li n-notifika tal-atti kienet biss mezz biex tassigura li l-parti ċitata tkun konsapevoli tal-proċeduri kontra tagħha u titqiegħed f'pożizzjoni li tiddefendi ruħha. Jekk mill-atti jkun jirriżulta illi l-persuna notifikanda kienet attwalment irċeviet l-att u kienet ipproċediet biex tikkontestah permezz ta' risposta skont il-liġi, l-att tan-notifika nnifsu jsir għall-fini tal-proċess għal kollox irrilevanti. Dan proprju għaliex il-preżentata tar-risposta tkun tekwivali u kellha tiġi interpretata bħala dikjarazzjoni tal-parti li tkun qed tagħti ruħha notifikata bl-att."
*Konsegwentement, meta Dottor Clayton Fenech deher fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2010 u ivverbalizza li qed jidher għall-konvenut u ammetta li l-flus kienu dovuti mill-klijent tiegħu, dan il-verbal għandu jiġi interpretat bħala dikjarazzjoni ta' Dottor Fenech*

---

[11] *Per* Imħallef R. Pace, Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), sentenza datata 26 ta' Frar 2002.

*bħala mandatarju tar-ritrattand li biha ta ruħu b'notifikat bl-att promutur ta' dawk il-proċeduri għan-nom tal-istess ritrattand.*

*Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, din il-Qorti m'għandhiex dubju li għalkemm ma ġiex formalment notifikat personalment bl-att promutur, ir-ritrattand kien konsapevoli tal-att promutur kontra tiegħu personalment, inkariga lil Dottor Clayton Fenech biex jidher għalih fis-seduta tal-Qorti, jammetti t-talba u jipprometti l-pagament.*

*In vista ta' din il-konklużjoni, huwa inutili li din il-Qorti tinoltra ruħha fl-eċċezzjonijiet l-oħra tas-soċjetà MCE Limited.*

***Konklużjoni***

*Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti filwaqt li mhix se tesprimi ruħha dwar l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta MCE Limited stante li din diġà ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell u kwindi llum tikkostitwixxi* res judicata *bejn il-partijiet, tiddeċiedi billi tilqa' t-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta MCE Limited, u konsegwentement tiċħad it-talbiet kollha tar-ritrattand fir-rikors ġuramentat tiegħu.*

*L-ispejjeż kollha in konnessjoni ma' din il-proċedura jitħallsu kollha mir-ritrattand."*

## Ir-rikors tal-appell

6. L-appellant ippreżenta l-appell tiegħu fl-4 ta' Frar, 2019, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

*"... tilqa' dan l-umli appell billi tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-16 ta' Jannar 2019 fl-ismijiet "**Kevin Attard vs MCE Limited u V. Attard (Works) Limited"** (Rikors Numru 35/2011 MF), u wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti kollha, salv l-ewwel eċċezzjoni li diġà ġiet miċħuda definittivament, sollevati mill-kumpannija appellata MCE Limited, tilqa' t-talbiet kollha tal-esponenti, bl-ispejjeż taż-żewġt istanzi kontra l-kumpannija appellata MCE Limited."*

7. L-appellant jgħid li jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti minħabba li: (i) l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet li l-appellat, għalkemm mhux formalment notifikat, kellu jitqies li ta ruħu b'notifikat għaliex kien rappreżentat mill-Avukat Clayton Fenech waqt is-smigħ tal-kawża. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li huwa ma kienx formalment notifikat bir-rikors promotur li eventwalment wassal għas-sentenza li qiegħda tiġi attakkata, u dan minħabba li s-soċjetà MCE Limited naqset milli tagħmel żewġ notifiki meta kien hemm żewġ konvenuti fil-kawża, l-appellant fil-kwalità tiegħu personali u l-appellant bħala rappreżentant tas-soċjetà V. Attard (Works) Limited. L-appellant kompla jgħid li minkejja dan, l-Ewwel Qorti kkonkludiet li meta l-Avukat Clayton Fenech deher waqt l-udjenza tal-5 ta' Lulju, 2010, dan kien ta ruħu b'notifikat għan-nom tal-appellant personalment. L-appellant spjega li fil-kawża oriġinarjament kien hemm żewġ konvenuti, Kevin Attard fil-vesti tiegħu personali, u s-soċjetà V. Attard (Works) Limited, kif rappreżentata mill-appellant li dik il-ħabta kien direttur tal-istess kumpannija. L-appellant jispjega li l-Ewwel Qorti għamlet preżunzjoni li mhijiex ġustifikata meta assumiet li l-Avukat Clayton Fenech kien qiegħed jidher għall-appellant personalment u għas-soċjetà V. Attard (Works) Limited u dan għaliex l-appellant kien għadu ma ġiex notifikat kif suppost fiż-żmien meta inżammet dik is-seduta. L-appellant qal li l-Avukat Fenech kien ingħata inkarigu minn V. Attard (Works) Limited u mhux minnu personalment, u għalhekk dan ma seta' qatt jagħti ruħu b'notifikat f'isem l-appellant. L-appellant qal li kuntrarjament għall-konklużjoni li wasslet għaliha l-Ewwel Qorti, l-Avukat Fenech imkien ma

qal li hu kien qiegħed jagħti ruħu b'notifikat għall-appellant f'ismu proprju, u ladarba s-soċjetà appellata MCE Limited għażlet li tagħmel notifika waħda, l-Avukat Fenech kien qiegħed jidher f'isem u għan-nom tal-parti konvenuta li ġiet notifikata u mhux għaż-żewġ konvenuti indikati minnha fir-rikors tagħha. L-appellant qal li l-verbal tal-Qorti mhux ċar biżżejjed u ma jispeċifikax l-Avukat Fenech għal min kien qiegħed jidher, iżda ladarba nħoloq dan id-dubju, dan kellu jimmilita favur l-appellant u favur is-salvagwardja tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, partikolarment wara li ġie stabbilit li l-appellant qatt ma ġie formalment notifikat, u għalhekk qatt ma kien jaf li s-soċjetà MCE Limited kienet ipproċediet kontra tiegħu personalment. L-appellant qal li in vista ta' dan kollu, l-Ewwel Qorti ma kellhiex tasal għall-konklużjoni li huwa ġie debitament notifikat, jew li l-Avukat Fenech ta ruħu notifikat bl-atti f'isem l-appellant personalment.

**<u>Ir-risposta tal-appell</u>**

8. Fir-risposta għall-appell intavolat mill-appellant, is-soċjetà MCE Limited wieġbet li s-sentenza tal-Ewwel Qorti għandha tiġi kkonfermata stante li hija ekwa u ġusta, u dan l-appell għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu. Is-soċjetà appellata qalet li dawn il-proċeduri ġew mibdija permezz tar-rikors 187/2010 kontra Kevin Attard f'ismu personali u bħala direttur tas-soċjetà V. Attard (Works) Limited, sabiex dik il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti għall-ħlas tal-ammont ta' €6,951.97. Is-soċjetà appellata spjegat li waqt l-udjenza tal-5 ta'

Lulju 2010, kien deher l-Avukat Clayton Fenech għall-konvenut, hawnhekk ir-rikorrent appellant, li kien informa lill-Qorti li l-flejjes pretiżi minnha huma fil-fatt dovuti u li l-ħlas tad-debitu kien ser isir xi ġimgħat wara. Is-soċjetà appellata spjegat li kien fis-seduta ta' wara li l-Qorti ġiet mgħarrfa li l-ħlas fil-fatt baqa' ma sarx u għalhekk fl-4 ta' Novembru, 2010 il-Qorti ddeċidiet il-mertu abbażi tad-dikjarazzjoni tal-Avukat Fenech billi laqgħet it-talbiet kontenuti fir-rikors kif postulat minn MCE Limited. Is-soċjetà appellata żiedet tgħid li minn din id-deċiżjoni ma ġie intavolat l-ebda appell. Kien wara li din id-deċiżjoni għaddiet in ġudikat, li l-appellant f'dawn il-proċeduri intavola rikors li permezz tiegħu talab ir-ritrattazzjoni tal-kawża. Is-soċjetà appellata żiedet tgħid li r-rimedju li qiegħed jitlob l-appellant huwa rimedju straordinarju u eċċezzjonali, u għamlet riferiment għal diversi fatti li diġà għamlet l-osservazzjonijiet tagħha dwarhom l-Ewwel Qorti, fosthom li fil-mument tan-notifika, Kevin Attard kien direttur tas-soċjetà V. Attard (Works) Limited, filwaqt li l-att li huwa qiegħed isostni li qatt ma ġie nnotifikat bih kien ġie nnotifikat fl-indirizz uffiċjali tal-istess kumpannija. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li anki f'każ li rriżulta li Michelle Portelli, li rċeviet l-att inkwistjoni, ma kinitx impjegata mal-kumpannija li tagħha l-appellant kien direttur, iżda mill-provi rriżulta li din kienet impjegata ta' kumpannija oħra li kellha l-uffiċċju tagħha fl-istess fond fejn kellha l-uffiċċju reġistrat tagħha s-soċjetà V. Attard (Works) Limited, għalhekk minn dan isegwi li n-notifika saret fil-post tax-xogħol tal-appellant. Is-soċjetà appellata qalet li huwa għalhekk li hija ma tistax tifhem għalfejn l-appellant qiegħed jinsisti li l-Avukat Clayton Fenech

deher għal V. Attard (Works) Limited u mhux għalih bħala konvenut, partikolarment meta l-appellant naqas milli jtella' lill-Avukat Fenech bħala xhud fil-kawża, bħalma naqas milli jtella' lill-imsemmija Michelle Portelli sabiex tixhed dwar ir-raġuni għalfejn hija aċċettat posta indirizzata lil Kevin Attard, u dwar jekk hija kinitx fil-fatt tat din il-posta lill-istess appellant, u jekk le x'kienet għamlet biha. L-appellata tgħid li in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ddeċidiet li l-appellant naqas milli jipprova li Michelle Portelli ma kinitx il-persuna awtorizzata biex tirċievi l-posta tiegħu personali, u kkonkludiet li Kevin Attard kien ġie debitament notifikat b'dak l-att. L-appellata sostniet ukoll li mill-provi għandu jirriżulta li fil-verità anki jekk Kevin Attard kien qiegħed jilbes żewġt ikpiepel, f'dawn il-proċeduri konvenut wieħed kien hemm. L-appellata qalet ukoll li ladarba l-avukat huwa l-mandatarju tal-klijent, Kevin Attard kellu obbligu li jressaq lill-avukat jixhed ladarba ried jipprova xi ħaġa li hija differenti minn dak li ġie vverbalizzat mill-istess Avukat. L-appellata qalet li l-produzzjoni tal-Avukat Fenech bħala xhud fil-kawża kienet meħtieġa sabiex ladarba l-appellant allega li l-istess Avukat kien ingħata inkarigu minn missieru Vincent Attard, dan iwieġeb dwar ir-raġuni għalfejn ma qediex il-mandat fdat lilu kif suppost. L-appellata qalet li kieku l-Avukat Fenech ingħata struzzjonijiet biex jidher għall-konvenut fil-vesti tiegħu ta' rappreżentant tas-soċjetà V. Attard (Works) Limited, dan kien jassigura li l-verbal jirrifletti dan, partikolarment minħabba li l-appellant qiegħed jinsisti li l-Avukat Fenech ingħata inkarigu biex jirrappreżentah fil-vesti tiegħu ta' direttur tal-kumpannija, iżda mhux ukoll fil-kapaċità tiegħu personali. Intqal ukoll li

f'każ li mhux ċar mill-kliem użat fil-verbal jekk l-Avukat Fenech kienx qiegħed jidher għall-appellant f'ismu proprju jew inkella f'isem il-kumpannija, aktar kien jinkombi fuq l-appellant li jipproduċi lill-Avukat Fenech bħala xhud sabiex jelimina dan id-dubju. L-appellata għamlet riferiment ukoll għal insenjamenti ġurisprudenzjali li jgħidu li verbal tal-Qorti huwa vinkolanti u għandu l-istatus ta' kważi-kuntratt ġudizzjali li ma jistax jiġi newtralizzat jekk mhux bil-kunsens tal-partijiet.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex fl-ewwel lok, tikkonsidra l-appell imressaq mill-appellant, flimkien mar-risposta tas-soċjetà appellata, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li hija għamlet fis-sentenza appellata.

*L-aggravju ewlieni:* *l-Ewwel Qorti ddeċidiet b'mod żbaljat meta wasslet għall-konklużjoni li l-appellant għalkemm mhux formalment notifikat, kellu jitqies li ta ruħu b'notifikat għaliex kien rappreżentat mill-Avukat Clayton Fenech waqt is-smigħ*

9. Il-Qorti tirrileva illi kemm fiż-żmien li ġew akkwistati l-oġġetti inkwistjoni minn Kevin Attard kif ukoll meta ġiet istitwita l-kawża minn MCE Limited fil-21 ta' Mejju, 2010, Kevin Attard kien direttur tas-soċjetà V. Attard (Works) Limited, u l-proċeduri istitwiti mis-soċjetà appellata kienu indirizzati kontra

Kevin Attard f'ismu personali u bħala direttur tas-soċjetà V. Attard (Works) Limited. Mill-provi jirriżulta li s-soċjetà appellata ħallset għal notifika waħda tar-rikors promotur, u meta dan l-att ġie notifikat fl-indirizz fejn is-soċjetà V. Attard (Works) Limited għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha, dan intlaqa' minn ċerta Michelle Portelli, li dak iż-żmien, skont l-appellant, kienet impjegata ma' kumpannija oħra li d-direttur tagħha kien missier l-appellant, u li kellha l-uffiċċju reġistrat tagħha fl-istess indirizz. Skont l-aggravju tal-appellant u l-bażi tas-sottomissjonijiet tiegħu sabiex il-kawża tinstema' mill-ġdid, Kevin Attard personalment qatt ma ġie nnotifikat bir-rikors promotur *ai termini* tal-artikolu 187 tal-Kap. 12, u huwa qatt ma sar jaf li s-soċjetà appellata kienet qiegħda taġixxi kontra tiegħu personalment. Jirriżulta wkoll li waqt l-udjenza tal-5 ta' Lulju, 2010, kien deher l-Avukat Clayton Fenech li vverbalizza li kien qiegħed jidher għall-konvenut, u li ammetta li l-ammont ta' flus pretiż mis-soċjetà ritrattata huwa dovut, u stqarr li dan l-ammont kien ser jitħallas fi ftit jiem. Iżda l-appellant jgħid li huwa ma kienx ta inkarigu bħal dan lill-Avukat Fenech.

Il-Qorti kkunsidrat li l-appellant qiegħed jibbaża t-talba tiegħu sabiex il-kawża tinstema' mill-ġdid abbażi tal-artikoli 811 (b), 812 u 815 tal-Kap. 12, jiġifieri fuq il-premessa li r-rikors maħluf ma ġiex notifikat lilu personalment, u konsegwentement huwa naqas milli jidher għas-smigħ tal-kawża. L-appellant jallega wkoll li huwa sar jaf bid-deċiżjoni tal-Qorti li kkundannatu għall-ħlas, ferm wara li kien għalaq it-terminu tal-appell minn dik is-sentenza, meta kien irċieva ittra uffiċjali mingħand is-soċjetà MCE Limited li interpellatu għall-ħlas.

L-artikolu 187 (1) tal-Kap. 12 jistipula illi:

> "In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata kull fejn dik il-persuna tkun tinstab. In-notifika trid issir ukoll billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dak il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha."

Mill-provi jirriżulta li n-notifika tar-rikors promutur kienet saret proprju fl-indirizz fejn kienet reġistrata s-soċjetà V. Attard (Works) Limited, li tagħha kien direttur l-appellant Kevin Attard. L-appellant seta' pproduċa lil Michelle Portelli sabiex tixhed fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti biex tgħid jekk hija kinitx awtorizzata jew le tirċievi l-posta f'ismu, u biex tgħid x'kienet għamlet bl-att wara li ffirmat għalih, jekk qattx għaddietu lill-appellant jew inkella tatux lil xi ħaddieħor sabiex jieħu azzjoni fuqu. Din il-prova, li kienet kruċjali li titressaq fl-interess tal-appellant, baqgħet ma nġabitx quddiem l-Ewwel Qorti li kkunsidrat it-talba tal-appellant biex il-kawża tiġi mismugħa mill-ġdid. Il-Qorti tqis ukoll li mill-provi ħareġ ċar li l-persuna li rċeviet l-att u ffirmat għalih ċertament li ma żammitux għaliha, tant hu hekk li in segwitu xi ħadd inkariga l-Avukat Clayton Fenech sabiex jidher għas-smigħ biex jirrappreżenta l-interessi tal-parti jew partijiet konvenuti f'dawk il-proċeduri li nfetħu permezz ta' dak l-att. Il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li waqt l-udjenza tal-5 ta' Lulju, 2010, deher l-Avukat Fenech, u wara li vverbalizza li kien qiegħed jidher "għall-konvenut", l-appellant odjern, ivverbalizza wkoll li l-kreditu pretiż mis-soċjetà MCE Limited fil-fatt kien għadu dovut u kien ser jitħallas fi żmien qasir. Anki f'dan ir-rigward,

minkejja li l-appellant seta’ jtella’ lill-Avukat Clayton Fenech bħala xhud sabiex jispjega lill-Qorti min eżattament kien tah l-inkarigu u lil min kien qiegħed jirrappreżenta fil-kawża, dan baqa’ m’għamlux. Jirriżulta wkoll li l-appellant fl-ebda waqt tal-proċeduri ma kkontesta l-fatt li huwa kien ġie notifikat sabiex jidher fil-kawża bħala direttur tas-soċjetà V. Attard (Works) Limited. Persuna waħda, li kif osservat tajjeb l-Ewwel Qorti, qiegħda tittenta tilbes żewġt ikpiepel. Il-pożizzjoni li qiegħed jieħu l-appellant Kevin Attard hija li bħala direttur ta’ V. Attard (Works) Limited huwa kien ġie nnotifikat bl-att u saħansitra inkariga avukat tal-fiduċja tiegħu sabiex jirrappreżenta l-interessi tal-kumpannija fil-proċeduri inkwistjoni, u fl-istess ħin qiegħed isostni li hu personalment ma kienx jaf b’dawk il-proċeduri. Tqis li din il-pożizzjoni hija għal kollox fallaċi, partikolarment f’dan l-istadju inoltrat tal-proċeduri. L-appellant kellu opportunità jressaq il-provi li kellu biex jiskredita l-pretensjonijiet tas-soċjetà MCE Limited, f’każ li huwa ma kellux għalfejn jiġi mħarrek personalment fil-kawża, jew seta’ jġib prova dwar l-inkarigu speċifiku li ngħata lill-Avukat Fenech u minn min ingħatalu. Minn dan kollu ma ġie ppruvat xejn, għajr għall-fatt li l-Avukat Fenech deher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u vverbalizza li qiegħed jidher “għall-konvenut” u mhux “għas-soċjetà konvenuta”, filwaqt li ammetta l-kreditu pretiż minn MCE Limited u wiegħed li dan kien ser jitħallas f’qasir żmien. Il-fatt li l-appellant baqa’ qatt ma deher quddiem il-Qorti huwa għalkollox immaterjali, għaliex mill-provi jirriżulta li huwa kien rappreżentat mill-Avukat Clayton Fenech, li bil-preżenza tiegħu

waqt is-smigħ, fi kwalunkwe każ għandu jitqies li ta ruħu b'notifikat f'isem il-konvenut bir-rikors promotur u bl-avviż tas-smigħ.

In vista tas-suespost, tqis li dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qiegħda tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħad l-aggravju tal-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**